

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/1312

tal-21 ta' Settembru 2020

li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK ⁽¹⁾, dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana.
- (2) Fit-28 ta' Lulju 2020, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2536 (2020), li testendi l-eżenzjonijiet għall-embargo fuq l-armi.
- (3) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni biex ċerti miżuri jiġu implimentati.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/798/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2013/798/PESK, il-punti (g) u (h) huma sostitwiti b'dan li ġej:

- “(g) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armi b'kalibru ta' 14,5 mm jew anqas u munizzjon u komponenti mfassla speċjalment għal tali armi, u ta' vetturi militari tal-art mhux armati u vetturi militari tal-art mmuntati b'armi b'kalibru ta' 14,5 mm jew inqas, u l-partijiet ta' rikambju tagħhom, u tal-granati bi propulsjoni ta' rokit, u munizzjon mfassal speċjalment għal tali armi, u l-forniment ta' assistenza relatata, lill-forzi tas-sigurtà tar-RĊA, inkluż l-istituzzjonijiet statali tal-infurzar tal-liġi ċivili, meta tali armi, munizzjon, komponenti u vetturi jkunu intenzjonati biss għall-appoġġ tal-proċess tar-RĊA għar-RSS jew għal użu fih, kif innotifikat minn qabel lill-Kumitat;
- (h) il-bejgħ, il-forniment, jew l-esportazzjoni ta' armi u tagħmir letali relatat ieħor li mhumiex elenkati fil-punt (g) tal-Artikolu 2(1), u l-forniment ta' assistenza relatata, lill-forzi tas-sigurtà tar-RĊA, inkluż l-istituzzjonijiet statali tal-infurzar tal-liġi ċivili, meta tali armi u tagħmir ikunu intenzjonati biss għall-appoġġ jew l-użu fil-proċess tar-RĊA tar-RSS, kif approvat minn qabel mill-Kumitat; jew”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Settembru 2020.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/798/PESK tat-23 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 51).